MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 1146/2010

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera The Timberland Company**

**vs**

**Dr. Noel Bartolo u P.L. Doreen Aquilina gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti socjeta' esportatrici ZHUHAI XING YUAN DEVELEOPMENT CO LTD u l-kunsinjatarju MODEL LINE b'digriet tat-2 ta' Frar 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-8 ta' Novembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera The Timberland Company ta' 200, Domain Drive, Stratham, New Hampshire, Stati Uniti, sabiex

jirraprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom;

2. Illi s-socjeta rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *trademarks* ma' l-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta' Malta msejjha 'TIMBERLAND' u 'Tree Logo', liema drittijiet gew registrati l-ewwel darba fit-12 ta' Mejju 1997 u moghtija n-numri ta' registrazzjoni 27074 u 27075 rispettivament (Dok. TC1 u TC2);

3. Illi fit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rikorrenti nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru GESU 5524411 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM BELLINI liema vapur kien gej minn Chiwan, Cina fi triqtu lejn Durres, Albania u l-container kien fih numru ta' zraben, liema ammont jigi kkonfermat waqt il-mori tal-kawza, kollha bis-simbolu tat-'Tree Logo', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellewali;

4. Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine u wara li l-istess gew ezaminati minn espert specjalizzat ta' Timberland Europe Services Ltd gewwa Slough, l-Inghilterra, *subsidiary company* ta' The Timberland Company, fejn gie determinat li dawn kienu zraben li gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' The Timberland Company, u li l-imsemmija *trademarks* ta' The Timberland Company riprodotti fuq l-istess zraben kienu foloz u r-rapport ta' l-istess gie esibit fl-atti tal-kawza anness ma' dan ir-rikors guramentat (Dok. TC3);

5. Illi r-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta u l-Kontrollur tad-Dwana laqa` din-it-talba li jinzammu dawn l-oggetti;

6. Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija

huwa MODEL LINE minn Skopje, Macedonia u dan skond dak citat fil-polza ta’ taghbija numru GGZ0332829 (Dok TC5);

7. Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta’ l-artiklu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ta’ l-artiklu 10(2)(b) ta’ l-Att Dwar it-Trademarks (Kap. 416) u huma azzjonabbli b’applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti ta’ l-artikoli 14-19 tal-istess Kap. 416 u l-artikoli 7 u 8 ta’ l-istess Kap. 414;

8. Illi s-socjeta’ rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, ir-rikorrent nomine umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’numru ta’ zraben li fuqhom hemm is-simbolu ‘Tree Logo’ li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru GESU 5524411 kontenenti l-imsemmija pari zraben, huma kontrafatti u b’hekk jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-trademarks taghha: ‘TIMBERLAND’ u ‘Tree Logo’, liema drittijiet gew registrati l-ewwel darba fit-12 ta’ Mejju 1997 u moghtija n-numri ta’ registrazzjoni 27074 u 27075 rispettivament (Dok. TC1 u TC2);

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk z-zraben, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta’ l-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta’ l-imsemmija zraben ghall-hazna f’Malta qabel id-

distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali ta' l-istess oggetti ;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. TC1 sa Dok. TC4;

Rat id-digriet tat-2 ta' Frar 2011 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tal-1 ta' Marzu 2011 fejn ecceppew:

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirrnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni ohra, oltre dik diga provduta fir-rikors guramentat;

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-9 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Noel Bartolo bhala kuratur deputat li ddikjara li ma rceva ebda komunikazzjoni minghand l-assistit tieghu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Marzu 2011;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li is-socjeta` attrici hija proprjetarja ta’ diversi markji fost ohrajn tal-markji ‘Timberland’ u ‘Tree Logo’ liema markji huma registrati fir-Registru tal-Markji f’Malta taht Trademarks numri 27074 u 27075.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f’*container* Numru GESU5524411 li kien inhatt fil-port hieles ta’ Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM BELLINI li kien diehel Malta fit-13 ta’ Ottubru 2010 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta’ zraben sportivi li jgibu l-markju distintiv tas-socjeta’ rikorrenti liema konsenja tikkonsisti f’mitejn u erbgha u sittin (264) par zraben sportivi u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 1 ta’ Novembru 2010 (Dok. TC3) maghmul minn Christina Alethea Morse, European Brand Protection Manager tas-socjeta’ rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta` attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skont il-ligi, u fit-terminu ndikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat esebiti bhala Dok. TC1 sa Dok. TC4 u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. B) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta’ Christina Alethea Morse li kkonfermat li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni ta’ l-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta’ George Agius (Dok. B) datat 25 ta’ Frar 2011. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

## Konkluzzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-mitejn u erbgha u sittin (264) par zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ zraben sportivi f’mitejn u erbgha u sittin (264) par zraben sportivi b’Container Numru GESU5524411 da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravjenu d-dritt ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skont l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 [Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)] u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f’isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numri 27074 u 27075 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex abbazi ta’ l-ewwel zewg talbiet attrici fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta` intimata, skont l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjeta` intimata thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-mitejn u erbgha u sittin (264) par zraben in kwistjoni, u ta’ l-ispejjez ta’ l-Ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal- Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit tar-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana Dok. B;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta'/entita' konvenuta b'dan li lkuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------